# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 5 ta' Lulju 2022

## Talba numru 204/2020SFJ

**WESTERN COMPANY LIMITED (C19994)**
**VS.**
**SERGIO BANAVAGE (152976M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-2 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar in konnessjoni mal-bejgħ ta' vetturi;

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fl-14 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha eċċepixxa li talbiet tas-soċjetà attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien jeżisti ebda bilanċ għar-raġuni li l-ħlas relativ sar fis-sħiħ;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-5 ta' Lulju 2022.

**<u>Provi ppreżentati</u>**

**Charles Bianco** qal li s-soċjetà attriċi rċeviet ċekk għal €2,500 mingħand il-konvenut. Meta s-soċjetà attriċi għaddiet iċ-ċekk lil kumpanija oħra sabiex tħallasha bih, iċ-ċekk ma ssarrafx u ġie rritornat lis-soċjetà attriċi "*refer to drawer*". Bianco spjega li l-konvenut kien xtara żewġ vetturi mingħand is-soċjetà attriċi. Eventwalment, kienet saret kostituzzjoni ta' debitu. Huwa kompla jispjega li l-konvenut kellu l-arretrati fil-pagamenti u ma kienx qiegħed iħallas. Għalhekk, l-impjegati tas-soċjetà attriċi bagħtu għalih sabiex imur għandhom u jingħalqu l-kontijiet. Inħareġ *statement* lill-konvenut, kif dejjem isir. Il-konvenut qalilhom li l-vetturi kien għerqulu f'garaxx u kien ser jiskrappjahom. Sar ftehim bejn il-partijiet fis-sens li hu kellu jħallashom €2,500 dak il-ħin stess u €2,500 oħra b'ċekk *post-dated*. Is-somma dovuta kienet akbar peress li l-konvenut kellu jagħti aktar minn €29,000. Iżda mbagħad, is-soċjetà attriċi aċċettat li tagħti l-

kunsens tagħha għal kanċellament sabiex il-konvenut ikun jista' jiskrappja l-vetturi. Is-soċjetà attriċi nkarigat lin-Nutar Dr Melvin Polidano u quddiemu saret il-kostituzzjoni ta' debitu u ċ-ċekk tal-konvenut (dak li ġie lura "*refer to drawer*") kien ġie mgħoddi lis-soċjetà attriċi quddiem in-nutar.

In kontro-eżami, Bianco qal li Banavage kien wieħed minn diversi klijenti tas-soċjetà attriċi u kien imur fl-uffiċċji tagħhom jixtri l-vetturi u mbagħad jimtlew id-dokumenti neċessarji. Huwa qabel li l-konvenut kien xtara Ford Mondeo, Mercedes CLK, u Citroen C3, iżda ċaħad li l-konvenut għamel pagamenti sostanzjali. Qal, anzi li għalkemm il-konvenut beda jħallas, eventwalment beda jitqies bħala *defaulter*. Huwa qal li s-soċjetà attriċi kkuntattjat lill-konvenut diversi drabi u bagħtitlu *statements* u *demand notes*. Qal li darba fost l-oħrajn, iżda, il-konvenut mar għandhom minn jeddu u qalilhom li ried jirranġa kollox għax kien ser jiskrappja l-vetturi. Qal li saret il-kostituzzjoni ta' debitu. F'dan il-punt, ix-xhud ġie muri d-dokumenti minn fol. 42 sa fol. 71 u qal li kien hemm xi riċevuti mħassrin u oħrajn bl-isem imħassar, oħrajn ma jintgħarfux, u vetturi tad-ditta BMW u Maruti, li skont ix-xhud ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-vertenza *de quo*. Mistoqsi jekk il-vetturi kinux ikunu rritornati lilu, ix-xhud wieġeb li meta klijent imur għandu u jerġa' jpartat vettura, ikun ingħalaq kont u nfetaħ ieħor. Qal li l-konvenut kien jaf x'kien qiegħed jiffirma. Mistoqsi jekk meta vettura tintradd lura tkunx ivvalutata skont il-prezz tas-suq dakinhar, ix-xhud qal li ma kien ikun hemm ebda valutazzjoni. Billi l-vettura kienet tkun fuq *hire-purchase*, meta tkun irritornata jinqata' d-dejn li jkun hemm. Mistoqsi jekk darba fost l-oħrajn, il-konvenut marx għand is-soċjetà attriċi sabiex jagħlaq il-kontijiet u jsiru l-formoli ta' kanċellament, ix-xhud qal li fil-fatt, il-konvenut ma kienx mar minn jeddu, iżda kienet is-soċjetà attriċi li bagħtet għalih. Mistoqsi dwar id-dokumenti minn fol. 72 sa fol. 76, ix-xhud qal li dik kienet l-ewwel darba li kien qiegħed jara dawk ir-riċevuti, u fi kwalunkwe każ, qatt ma kellhom joħorġu riċevuti mingħajr numru tal-*VAT*. Bianco kkonferma li ngħata żewġ ċekkijiet ta' €2,500 kull wieħed. L-ewwel wieħed kien onorat mill-bank iżda t-tieni wieħed ma kienx onorat. Wara xi żmien, saret ittra uffiċjali bbażata fuq il-kostituzzjoni ta' debitu. Ix-xhud qal li wieħed miż-żewġ ċekkijiet kellu jkun iddepożitat dakinhar stess filwaqt li fir-rigward taċ-ċekk l-ieħor, il-konvenut kien qal lis-soċjetà attriċi li setgħet issarrfu fil-ġimgħa ta' wara. Mistoqsi jekk sarux pagamenti oħrajn mill-konvenut sabiex jagħmlu tajjeb għaċ-ċekk li ma ssarrafx, ix-xhud wieġeb fin-negattiv u qal, saħansitra, li l-konvenut kien debitur tas-soċjetà attriċi anki inkwantu s-Citroen C3.

F'dan il-punt, ix-xhud ippreċiża li l-kostituzzjoni ta' debitu saret fuq il-Ford Mondeo u l-Mercedes CLK *siccome* s-soċjetà attriċi ħarġet kanċellament. Huwa qal li rigward is-Citroen C3 ma sar ebda kanċellament għax ma kinitx saret kostituzzjoni ta' debitu. Ix-xhud qal ukoll li din il-kawża kienet purament dwar il-Mercedes CLK u l-Ford Mondeo. Fil-fatt, huwa mbagħad qal li l-kostituzzjoni ta' debitu kienet dwar żewġ vetturi. Huwa ċaħad li qatt kien hemm argumenti ma' missier il-konvenut.

**Conrad Pisani** xehed li wara ħafna żmien li fih is-soċjetà attriċi kienet qed tiġri wara l-konvenut għall-ħlas, huwa mar għandhom u qalilhom li l-vetturi kienu għerqulu f'garaxx u ried ineħħi kemm il-garaxx kif ukoll il-vetturi. Il-partijiet daħlu f'kompromess sabiex il-konvenut ikun jista' jagħmel xi ħlasijiet u b'hekk is-soċjetà attriċi tkun tista' tippermettilu jneħħi l-vetturi minn fuq ismu. Kienu ngħataw żewġ ċekkijiet ta' €2,500 kull wieħed. Ċekk wieħed ġie onorat filwaqt li l-ieħor ma ġiex onorat.

**Sergio Banavage** ippreżenta affidavit li fih qal li xtara u partat diversi vetturi mas-soċjetà attriċi. Qal, iżda, li kull vettura li xtara mingħand is-soċjetà attriċi kellha xi difett u b'konsegwenza tad-difett, il-vetturi ma kinux tajbin għat-toroq ta' Malta u għalhekk kellu jirritornahom lis-soċjetà attriċi. F'dan il-punt, huwa ppreċiża li meta jgħid li xtara vettura, kien qiegħed jirreferi għal arranġament ta' *hire-purchase*. Huwa spjega li Charles Bianco kien dejjem jikkonvinċih jirritorna l-vettura difettuża u minflokha jagħtih oħra, u dan meta jkun diġà beda jħallas il-pagamenti fuq il-vettura li tkun ġiet irritornata. Huwa qal li dan wasslu biex jinqabad f'nassa fis-sens li kien kostrett jew jieħu vettura oħra inkella jispiċċa quddiem il-qrati minħabba difett fil-vettura. Huwa kompla jgħid li l-vertenza *de quo* kienet dwar tlett vetturi, jiġifieri Ford Mondeo li nxtrat bi prezz ta' €6,000, Mercedes CLK li nxtrat għal €9,000, u Citroen C3 li nxtrat għal €4,000. Globalment, il-prezz tat-tlett vetturi kien €19,000. Huwa qal li r-riċevuti li seta' jsib kienu jindikaw li huwa diġà ħallas €13,872.

Ix-xhud kompla jispjega li kellu relazzjoni tajba ma' Charles Bianco u fil-fatt, kien jixtri mingħandu bil-kundizzjoni li dan jaqtagħlu l-ispejjeż tal-ħsarat mill-pagamenti tal-vetturi. Qal li l-ammont globali kien ta' €4,026,94. Huwa qal ukoll li oltre dan, ħallas €600, għal liema ammont ma ngħatax riċevuta. Kien hemm

ukoll is-somma ta' €2,500 li tħallset b'ċekk. Ix-xhud qal li effettivament, huwa ħallas lis-soċjetà attriċi total ta' €20,998.04.

Ix-xhud qal ukoll li kien hemm ċekk ieħor maħruġ minnu, jiġifieri dak iċ-ċekk li fix-xhieda tiegħu, Bianco jgħid li ma ssarrafx. Banavage hawn kompla jispjega li ċ-ċekk ma ssarrafx għax kellu jissarraf f'Marzu iżda Bianco pprova jsarrfu qabel. Ovvjament, billi kien *post-dated*, ma setax jissarraf qabel, u kien ġie kkuntattjat minn rappreżentant tal-bank li qalulu li ċ-ċekk kien ser ikun imblukkat. Banavage qabel li dan ikun imblukkat. Huwa qal li kien ħallas aktar mill-ammont dovut u għalhekk imblokka ċ-ċekk u ma ħariġx aktar ċekkijiet.

Banavage ċaħad li Bianco għaddielu xi *statements* jew notifiki dwar nuqqas ta' ħlas. Anzi, huwa qal li kien hu li kien imur iħallas regolarment.

Il-konvenut qal li ma kienx minnu li l-vetturi għerqu fil-garaxx tiegħu. Qal li fil-fatt, huwa ried jiskrappja l-vetturi għaliex ma kinux għaddew mill-*VRT* għar-raġuni li l-vetturi mixtrija mis-soċjetà attriċi dejjem kellhom xi difett u hu ried li jaqta' l-kuntatt darba għal dejjem. Huwa qal li hekk kif Bianco nduna li l-konvenut ma kienx beħsiebu jkompli fin-negozjati u talab li jsiru l-formoli tal-kanċellament, dan l-istess Bianco rrabja u ma riedx jagħmel il-formoli relattivi. Il-konvenut qal li sabiex jagħmillu l-formoli, Bianco beda jheddu u sfurzah jiffirma ċerti dokumenti li hu ma fehemx u anzi, ħaseb li kienu parti mill-proċedura relattivament għall-formoli tal-kanċellament. Qal li matul dan l-arranġament, sar ħafna għajat, theddid u storbju kontrih. Huwa qal ukoll li inkonsapevolment, huwa ffirma l-kostituzzjoni ta' debitu li mingħalih kienet parti mill-proċedura tal-formola ta' kanċellament. Finalment, huwa qal li kien missieru li nduna li dik il-karta ma kinitx formola ta' kanċellament. Għalhekk, flimkien ma' missieru, mar lura fix-*showroom* tas-soċjetà attriċi fejn reġa' qam ċertu diżgwid. Qal li Bianco keċċihom 'il barra ma riedx jaf b'diskussjonijiet. Wara, mar jagħmel rapport fl-Għassa ta' Birkirkara, u b'konsegwenza, inbdew proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

In kontro-eżami, meta mistoqsi dwar id-difetti fil-vetturi, ix-xhud qal li huwa kien jinforma lil Charles Bianco dwar id-difetti u dak kien jagħtih parir jagħmel it-tiswijiet, "*u mbagħad nirranġaw minn hemm*". Imbagħad, ix-xhud kien imur għand mekkanik jagħmel it-tiswijiet, u kien jispiċċa jħallas lill-mekkanik huwa stess. Huwa qal li wera r-riċevuti tat-tiswijiet lil Bianco. Ix-xhud qabel li saru żewġ ċekkijiet ta' €2,500 kull wieħed u qabel ukoll li wieħed tħallas u l-ieħor le. Huwa qal li kienet idea ta' Bianco li jgħid li l-vetturi għerqu. Huwa qal li ma kellux għażla ħlief li jħallas €5,000 lil Bianco u qal li Bianco heddu sabiex jiffirma xi dokument. Huwa qal ukoll li Bianco assigurah li t-tieni ċekk kellu jkun imsarraf f'Marzu u mhux minnufih. Qal li meta ntebah li Bianco kien iddepożita ż-żewġ ċekkijiet, huwa pprotesta ma' Bianco iżda dak qallu sabiex iġiblu r-riċevuti. Imbagħad, ix-xhud ma sabx ir-riċevuti kollha u qabel mal-bank meta ġie ssuġġerit li jsir "*stop payment*". Huwa qal li dakinhar li kien sfurzat jikteb żewġ ċekkijiet ta' €2,500 'il wieħed, kien imdawwar minn erbat irġiel u mhedded minn Bianco. Huwa qal li meta kien mar ix-*showroom* ta' Bianco (jiġifieri meta allegatament saru l-argumenti quddiem missier il-konvenut), Bianco keċċihom. Qal li d-data tat-twaqqif tat-tieni ċekk kienet f'Marzu jew f'April. Mistoqsi għaliex it-tieni ċekk ma ġiex onorat, ix-xhud ċaħad li l-kont bankarju tiegħu ma kellux flus. Qal li ċ-ċekk ma kienx onorat għax imblukkah hu (jiġifieri l-konvenut stess). Fir-rigward tal-iffirmar tal-kostituzzjoni ta' debitu, ix-xhud qal li ffirma għax kien imġiegħel u mhedded minn Bianco. Huwa qal li ffirma għax ried il-formola tal-kanċellament mingħand is-soċjetà attriċi. Finalment, ċaħad li kien fadallu jħallas xi ammonti rigward is-Citroen C3.

**Paul Banavage** ippreżenta affidavit li permezz tiegħu kkonferma l-maġġor parti tal-affidavit ta' ibnu, Sergio Banavage.

In kontro-eżami, ix-xhud essenzjalment ikkonferma l-verżjoni ta' ibnu u qal li ibnu qallu li Bianco talbu jiffirma xi karti li hu ma kienx jaf x'kienu. Mistoqsi għaliex il-konvenut xtara tlett vetturi jekk kollha rriżulta li kienu difettużi, ix-xhud spjega li ibnu (jiġifieri l-konvenut) kellu vizzju tal-logħob u kien iħobb il-karozzi.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

L-ewwel ħaġa li josserva t-Tribunal hija li l-konvenut u missieru allegaw diversi drabi li l-istess konvenut kien imġiegħel jiffirma l-kostituzzjoni ta' debitu u li ma kienx jaf x'qiegħed jiffirma. B'kull rispett, jingħad li kieku l-konvenut qal li kien imġiegħel jiffirma xi karta kwalsiasi, kien forsi jkun kredibbli. Iżda l-konvenut qiegħed jitlob lil dan it-Tribunal jemmen li huwa kien imġiegħel jiffirma kostituzzjoni ta' debitu quddiem nutar.

L-Artikolu 25(5) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Notarili jgħid:

> "*Lin-nutar waħdu jmiss li jara x'inhi l-volontà tal-komparenti u li jistaqsi, wara li jkun qralhom u fissrilhom l-att, jekk dan hux skont il-volontà tagħhom.*"

L-Artikolu 28(1)(h) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Notarili jgħid li kull att notarili għandu jkollu:

> "*id-dikjarazzjoni li n-nutar fisser regolarment l-att lill-komparenti qabel il-pubblikazzjoni tiegħu*"

Inoltre, l-Artikolu 40(2) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Notarili jgħid li att notarili huwa annullabbli meta n-nutar ma jkunx spjega l-att lill-komparenti jew meta ma jkunx spjega l-att lill-komparenti quddiem ix-xhieda (f'dawk il-każijiet fejn ix-xhieda huma meħtieġa).

Għalkemm il-konvenut u missieru diversi drabi qalu li l-konvenut kien imġiegħel u mhedded sabiex jiffirma l-kostituzzjoni ta' debitu, dan it-Tribunal m'għandux provi li nbdew xi proċeduri quddiem qorti kompetenti sabiex l-att ikun iddikjarat null.

Barra minn dan kollu, it-Tribunal isibha ferm diffiċli sabiex jaċċetta li nutar sejjer jippubblika att meta jkollu raġuni għaliex jemmen li xi wieħed mill-komparenti jew kien imġiegħel jidher inkella ma kienx qiegħed jifhem l-affarijiet sewwa. L-avukat patroċinanti l-konvenut kellu raġun jgħid fit-trattazzjoni li ma kienx hemm il-bżonn li ssir kostituzzjoni ta' debitu. Iżda mbagħad, dan waħdu jwassal lil dak li jkun sabiex jistaqsi **għaliex** il-konvenut aċċetta li jidher fuq dak l-att. Huwa minnu li ġie ppreżentat rapport tal-Pulizija (fol. 77 sa fol. 80) li jgħid "*Sergio stqarr li huwa ffirma l-kuntratt għax beża' minnu.*" Iżda, bid-dovut rispett, dik mhijiex prova. Il-konvenut, *se mai*, messu beda l-proċeduri neċessarji sabiex jattakka l-kostituzzjoni ta' debitu u matul dawk il-proċeduri, iġib provi sabiex isostni l-allegazzjoni tiegħu, jiġifieri li hu kien imġiegħel.

Kruċjali għad-determinazzjoni tal-kwistjoni hija x-xhieda tal-konvenut in kontro-eżami. Qabelxejn, il-konvenut qatt ma ddeskriva l-allegati difetti fil-vetturi u lanqas, pereżempju, ġab lil xi mekkanik jixhed sabiex dan jgħid ċar u tond x'difetti kellhom il-vetturi. Inoltre, huwa ferm interessanti li mill-kontro-eżami jirriżulta li l-ftehim kien li t-tieni ċekk ta' €2,500 ikun imsarraf fi stadju ulterjuri. Dan ifisser li l-konvenut **mhuwiex** qed jgħid li l-ammont mitlub mhuwiex dovut. Anzi, qal li mblokka ċ-ċekk għax Bianco pprova jsarrfu qabel iż-żmien miftiehem (billi kien ċekk *post-dated*).

Fir-Risposta, il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni tal-pagament. Dwar dan, il-Prim' Awla, fis-sentenza ***Woodline Limited vs. Forsite Design & Project Management Services Limited*** (deċiża fis-27 ta' Marzu 2003), qalet:

> "*Illi l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha ricenti datata 20 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet "**Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja**" qalet:- "Illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali" (Ara "**Av. J. Buttigieg noe vs Jos. Portelli noe**", Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; "**Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe**," Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Kif jinghad mill-Phipson "On Evidence", (11th Edition, para 103) "In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case".*"

It-Tribunal eżamina r-riċevuti ppreżentati mill-konvenut u mill-ftit li kienu leġibbli (għax kien hemm ħafna li kienu jew skuri żżejjed jew ċari tant li ma jinqrawx inkella b'biċċiet mill-kitba nieqsa), ma rnexxilux jikkonkludi li l-eċċezzjoni tal-pagament hija fondata. Ir-raġuni prinċipali hija li għalkemm il-partijiet essenzjalment qablu li dan il-każ jirrigwarda Mercedes CLK, Ford Mondeo, u Citroen C3, ħadd mill-partijiet ma pprovda n-numri ta' reġistrazzjoni ta' dawk il-vetturi, u għalhekk, it-Tribunal m'għandu ebda serħan tal-moħħ li jekk xi waħda minn dawn il-vetturi tidher fir-riċevuti, hija l-istess waħda li tkun tifforma l-mertu tal-kawża.

It-Tribunal osserva, bir-rispett, li hemm ħafna taħwid fir-riċevuti. Pereżempju, a fol. 55 hemm riċevuta li tirreferi għall-vettura targata DRM016 tad-ditta Renault. Imbagħad, a fol. 56 hemm riċevuta li tirreferi għall-vettura targata DRM016, iżda Honda Civic! Biex tiżdied il-konfużjoni, a fol. 58 hemm żewġ riċevuti li jindikaw in-numru ta' reġistrazzjoni DRM016 iżda jirreferi għal vettura tad-ditta Opel. Kif jista' jkun li hemm tlett vetturi bl-istess numru ta' reġistrazzjoni? Imbagħad, hemm diversi riċevuti li jindikaw li l-vettura Mercedes CLK hija targata LCV232, iżda a fol. 70 hemm riċevuta li tgħid li n-numru ta' reġistrazzjoni LCV232 jappartjeni lil xi Ford Mondeo.

Jidher li meta l-konvenut kien jingħata riċevuta mis-soċjetà attriċi għal xi pagament, donnu ma kienx jaċċerta ruħu li r-riċevuta jkollha d-dettalji kollha u li kollha jkunu korretti. Anki jekk kien hemm fiduċja bejn il-partijiet, dan ma jfissirx li din tissarraf f'dispensa mill-ħtieġa li dokumenti importanti bħal riċevuti jimtlew korrettement.

Barra minn hekk, ir-riċevuti a fol. 72 sa fol. 76, għalkemm xi wħud minnhom jindikaw li t-tiswijiet saru fuq Mercedes jew Ford jew Citroen, ma jindikawx in-numru ta' reġistrazzjoni u kwindi t-Tribunal ma jistax ikun ċert li huma l-istess vetturi li xtara l-konvenut. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li joħroġ ċar mir-riċevuti (u anki mix-xhieda ta' Paul Banavage) li l-konvenut kien iħobb il-karozzi u xtara numru ta' vetturi. Imbagħad, xi wħud mir-riċevuti jsemmu biss tiswijiet u ma jgħidux fuq liema vettura saru t-tiswijiet.

F'dan il-każ, fuq l-iskorta tal-każistika ċċitata, la hemm riċevuti ta' ċarezza u kwalità suffiċjenti li jsaħħu l-eċċezzjoni tal-pagament u jispinġuha sabiex tegħleb il-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi, u lanqas provi oħrajn li jibbastaw skont iċ-ċirkostanzi sabiex jikkonvinċu lit-Tribunal li l-eċċezzjoni għandha tkun milqugħa.

## <u>**Deċide**</u>

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mill-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut huwa kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 1487/2020 (li kopja tagħha tinsab a fol. 4 u 5 tal-atti proċesswali) u l-ispejjeż konnessi mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (li kopja tiegħu tinsab a fol. 6, 7, u 8 tal-atti proċesswali).

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**